# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-3 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru : 989/2015/LSO**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 1334/2015 - fl-ismijiet:-**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri K.I. numri 392028M u 771835M u b'digriet tat-13 ta' Settembru 2012, Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia gew nominati**

**sabiex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti tal-mejjet Joseph Spiteri u b'digriet tas-27 ta' Mejju 2013 gew nominati Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bhala kuraturi deputati tal-assenti Neville Spiteri (KI 228369M) bhala eredi prezuntiv tal-imsemmi Joseph Spiteri.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tas-socjeta` Bank of Valletta plc datat 16 ta' Ottubru 2015 a fol 1 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Alisia Camilleri ghall-intimata Catherine Spiteri u Dr Anthony Cutajar bhala Kuratur. Dr Dominic Cassar imsejjah tliet darbiet ma deherx. Xehed bil-gurament tieghu l-Marixxall Mario Genuis, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema

eletronika. Dr Alisia Camilleri ghal Catherine Spiteri tirrileva illi Catherine Spiteri disposta li taghti l-pussess tal-fond lil Bank of Valletta plc.

## II. KONKLUZJONI.

Wara li l-Qorti semghet lill-Marixxall Genuis bil-gurament, tiddikjara li n-notifika tal-Mandat ta' Zgumbrament 1334/15 saret fis-16 ta' Settembru 2015 u saret ukoll fil-5 ta' Ottubru 2015 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

L-ispejjez huma a karigu tal-intimata Catherine Spiteri.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**03 ta' Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**03 ta' Novembru 2015**